*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

19.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

19.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 18 li saret Nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2020:***

19.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li paġna 5 artiklu 18.7.2 l-aħħar paragrafu jrid jinbidel u jinqara kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li jkun hawn lukanda pero ma kienx infurmat li din qeda l-barra mis-South Local Plan.*

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

19.2.2 **Matters arising:**

19.2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 18.2.5 fiex wasal il-bini ammistrattiv tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi hu kellem lill-kuntrattur u qallu li minn nhar it-tnejn ser jitkompla il-bini. Huwa kompla jgħid illi jekk ma jżommx kelmtu nibgħatu ittra ta' twissija.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu jmur jiċċekkja kulljum u l-bini ilhu wieqaf għal madwar xahrejn.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi la hemm kuntratt għandna naraw x'hemm fil-kuntratt u naraw jekk hemmx xi penali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu naraw x'hemm fil-kuntratt filwaqt li semma li l-Perit tal-Kunsill kien diġa ħareġ ittra.

19.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 18.5.1 jekk erġajniex ħriġniex l-offerta għax-xiri tal-van.

Is-Sindku qal illi l-van qiegħed fi stat tal-biki u sakemm jinxtara wieħed, ikolna nerġu nillapazzaw li għandna iżda hemm bżonn li jsirlu manutenzjoni fuq il-ħadid u ser issir mill-ħaddied tagħna qabel ma jittieħed għal VRT..

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sejħa erġajna ħriġnijha u jekk ma jkunx hemm minn jittenderja ser jitlob lid-Dipartiment biex minflokk tender nġibu 3 kwotazzjonijiet.

19.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 18.9.2 rigward it-tindif ta' plots privati.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hi tkelmet mas-Sur Ramon Deguara u spjegalha illi l-proċedura hija li l-Kunsill jirraporta lill-PA u umbgħad il-PA tinforma lil Cleansing Department.

Is-Sindku qal illi madwar tlettax il-sena ilhu konna infurmajna lil PA bi plots privati li ma kellhomx *boundary wall* u li kienu qed jiġu abbużati. Huwa kompla jgħid illi meta ma kienux jafu minn hu s-sid kienu qed jwaħlu *notice* mal-ħajt *unknown owner* pero` ma setgħux jipproċedu minħabba li ma kienux jafu minn hu s-sid. Huwa kompla jgħid li min-naħa tagħna kelna suċċess għax lil kull minn konna nafu infurmajnieh u aderixxa mal-liġi

Il-Kunsill qabel unanimament illi meta jkun hemm plots privata li qed jiġu abbużati niktbu lil PA u nikkupjaw lis-Sur Ramon Deguara tal-*Cleansing Dipartment* u lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

19.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

19.3.1 **<u>New Council Offices Proposal (35/4214/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi f'seduta preċedenti kienu ddiskutew din il-kwotazzjoni iżda il-Kunsill kien qal illi bħala kwotazzjoni hija għolja u għaldaqstant konna infurmajna lil l-Inġineer b'dan. Huwa kompla jgħid li dan l-Inġineer li huwa l-istess persuna li ħejja parti mit-*tender* tal-*finishings*. Huwa kompla jispjega illi l-kwotazzjoni emendata hija ta' €3400 eskluż il-vat iżda ma tinkludiex meta jitkejjel ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi normalment meta jitkejjel ix-xogħol jieħdu persentaġġ skond l-valur tal-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-kwotazzjoni oriġinali infatti kienet ta' €4200 u issa ġiet riveduta.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi r-rata ta' Perit hija ta' 1% fuq il-valur tal-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud Staqsa jekk nistgħux nużaw il-*contracts manager* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-*contracts manager* tal-Kunsill ma jistax jgħamel dan ix-xogħol. Huwa kompla jgħid illi anke fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol tal-kuntratturi illi tiċċertifika ix-xogħol tagħom il-Perit tal-Kunsill mhux fil-kompetenza tiegħu li jgħamel dan.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal illi fil-kwotazzjoni li tana l-inġineer mhux imniżżel li ser jiċċertifika il-lift. Huwa kompla jgħid li għanda nitolbuh il-perċentaġġ ta' kemm ser jiċċarġjana.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi għandu jikkonfermalna illi l-ammont ta' €3400 u li mhux ser jinqabeż.

Il-Kunsill qabel unaimament illi nitolbu lil Inġineer illi jikkonferma illi l-lift inkluż fl-istima u li l-ammont ma jaqbiżx l-€3400

19.3.2 **<u>Materja importanti – Sotto Kumitata maħtur mis-Sindku:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-komunikat li irċevejna fejn qed jgħidu illi dan il-bord ma twaqqafx b'mod trasparenti u li għandu jiġi xolt u minfloku jinħoloq sottokumitat ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara estratt tal-liġi artiklu 29. Huwa qal illi kif inħatar dan is-sotto kumitat kien kif titlob il-liġi u ma kienx hemm irregolarita min-naħa tas-Sindku. Huwa qal illi fis-sotto kumitat ma kienx hemmx għalfejn ikun hemm Kunsillier u lanqas hemm għalfejn li jkun hemm Chairman.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rowl ta' sotto kumitat huwa illi jgħamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lil Kunsill u l-Kunsill jgħamel il-kuntatti li jkun hemm bżonn. Huwa kompla jgħid illi sotto kumitat jrid jgħamel il-minuti tal-laqgħa u wara il-minuti jitresqu fis-seduta tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

19.3.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan is-sotto kumitat kien ġie imwaqqaf biex jgħinu fil-komunikazzjoni ma *TMalta* u *Infrastructure Malta*. Huwa kompla jgħid illi hu kien staqsa għal *terms of reference* ta' dan is-sotto kumitat imma ma kellux risposta. Huwa qal illi wara li attenda laqgħa tal-bord ikkonferma li dan il-bord qed jiġri ħafna fid-deċiżjonijiet tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-problemi ta' dan is-sotto kumitat kien x'aktarx huwa l-operat ta' dan il-kumitat.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal li dan il-kumitat jismu *Marsaskala Regeneration Committee* u mhux sotto kumitat.

Is-Sindku qal li dan huwa sotto kumitat u li jista jkun li kien hemm żball fit-titlu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fl-ewwel sett ta' minuti kien hemm diġa affarijiet importatni li tkelmu fuqhom bħar-riġenerazzjoni tal-pjazza, rilokazzjoni tas-siġar u affarijiet oħra. Huwa qal li anke għamlu laqgħat ma entitijiet. Huwa qal li dawn huma affarijiet li qatt ma ġew diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill u lanqas jafu eżatt x'qed jippjanaw.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri semma ukoll li dan il-kumitat tkellem ukoll fuq yacht marina. Huwa kompla jgħid illi qed jiġih id-dubju li hemm ħsibijiet ulterjeri ta dawn il-membri.

Is-Sindku qal li dan sar sgorz l-entużjażmu u żgur li mhux biex jaqbżu lill-Kunsill. Is-Sotto kumitat żgur li ma għandux is-saħħa li jagħmel dan jew iżjed u iżjed jieħu deċiżjonijiet.

19.3.2.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet għalfejn jimmarkitjaw lilhom nfushom fuq il-media soċjali li huma ic-*Chairman* ta' dan ir-Regeneration committee u jmorru jiltaqgħu b'mod awtonimu ma entitajiet u dipartimenti mingħajr l-approvazzjoni jew l-involviment tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li dan sforzz l-entużjażmu u biex jgħinu lilna bħala Kunsill u żgur li mhux intezjoni malizjuża. Huwa qal ukoll illi minkejja qiegħed korett, xorta waħda tkellem mas-Sur Abela fejn qalli illi bħala Chairman ser jinħatar hu u talab lil Kunsilliera speċjalment lil KunsillierJohn B. Camilleri, lil Viċi Sindku Janice Falzon u lill-Kunsillier Charlot Mifsud flimkien mal-Kunsillier il-Perit John Schembri biex jkunu parti minn dan is-sotto kumitat, b'hekk wieħed ineħħi kull dubju x'jingħad u jiġi diskuss waqt il-laqgħat. Huwa qal li huwa tal-opinjoni illi jkun hemm ħames Kunsillier f'dan is-sotto kumitat.

19.3.2.3 Il-Viċi Sindku S-sinjorina Janice Falzon qalet li hekk qisu ser jinħoloq Kunsill ieħor fi ħdan is-sotto kumitat u hi ma tarax li hemm bżonn li jsir dan.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi fil-prinċipju jaqbel li jkun hemm sotto kumitat fuq dawn l-affarijiet. Huwa qal illi ma jaqbilx illi nħarsu lejn proġett individwali imma li għandu jsir proġett ħolistiku u ma jarax il-bżonn li jkun hemm tant membri tal-kunsill f'dan is-sotto kumitat. Huwa qal li tal-opinjoni li jkun kompost minn nies tekniċi u li jifhmu fuq infrastruttura u ambjent, anke jkun hemm NGO's.

Is-Sindku qal li ma jaqbliex li jkun waħdu f'dan is-sotto kumitat u jabel ma dak li kien qed jgħid il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli. Huwa kompla jgħid li għadna noħorġu expression of interest biex naraw jekk hemmx interess mil-pubbliku.

19.3.2.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Fazon qalet illi f'kull sotto kumitat ma għandux jkun hemm nies li jkollom interess politiku u oħrajn ta interess personali ta' investiment sabiex jkun hemm trasparenza.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jaqbel perfettament mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dan il-kumitat iltaqa mas-CEO ta' Infrastructure Malta meta il-Kunsill kien għandu ma jafx bil-propsoti tagħhom. Hija kompliet tgħid illi aħjar jerġgħu jiffurmaw il-*Business Association* umbgħad jkollom rappreżentat fi ħdan dan is-sotto kumitat.

Is-Sindku qal illi hu stess kien fittixhom lil dawn il-membri tas-sottokumitat u kien hemm okkażjonijiet fejn talab l-għajnuna tagħhom meta ċertu dipartiment ma kienux qed jaqbdu r-rikjesti tagħna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dan ma għandux jsir u meta jkun hemm problemi bħal dawn, is-Sindku għandu jirrikorri għal Kunsilliera ħalli kulħadd jkun jista jgħin mill-kuntatti li wieħed jkollu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li din hija oxxenita li l-Kunsill ma jasalx mad-dipartiment imma persuna minn barra il-Kunsill tasal.

Is-Sindku qal illi fil-Kunsill jkun hemm ħafna xogħol u ċertu affarijiet tkun trid issolvijom immedjatament b'hekk ġieli irrikora għal xi membru minn dan is-sotto kumtiat. Huwa kompla jgħid illi mhux kulħadd ikun jaf id-*day to day work* tal-Kunsill.

19.3.2.5 Is-Sindku reġa stieden lil Kunsilliera sabiex jkunu parti minn dan is-sotto kumitat u anke jekk iridu jgħidu lil xi nies oħra li huma jaħsbu li jistgħu jkunu parti minn dan is-sotto kumitat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jew ser jkun sotto kumitat li jrid jaħdem taħt il-kunsill jew inkella jifforma bħala kumitat bħal-*business association* li jkun awtonimu mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li qara il-liġi tas-sotto kumitat u tgħid ċar illi meta jinħatar sotto kumitat jrid jkun hemm it-*terms of reference* u xogħol is-sotto kumitat jkun biss li jgħaddi r-rakkomdazzjonijiet lill-Kunsill. Huwa qal li meta qara il-minuti ta' dan il-kumitat inkwieta għaliex il-Kunsill qatt ma kien infurmat bil-proposti tagħhom u issemmew ħafna proġetti mportatni speċjalment tal-yacth marina. Huwa qal illi skond il-minuti ta' dan il-kumitat jidher li kollux qisu bonfatt u qisu illi dan il-kumitat qed jgħamel ix-xogħol hu biss u mhux xi ħaġa korretta meta il-Kunsill qatt ma kien infurmat. Huwa qal li ma jarax problema li s-Sindku jkun ic-Chairman anzi jaqbel illi s-Sindku jkunu fuqhom.

Is-Segretarju Eżekutti qal illi biex jimxi il-quddiem dan is-sotto kumitat jew ikun kompost minn ħames Kunsilliera ħalli b'hekk jkun taħt kontroll.

Is-Sindku qal dan isostto kumitat għaġġixxa kemm sforz l-entużjażmu.

19.3.2.6 I-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi billi jkun hemm il-Kunsilliera f'dan is-sotto kumitat mhux ħa jkun hemm garanzija illi mhux ha jibqu jimxu hekk għaliex dan il-kumitat qed jaħdem għal rasu.

Is-Sindku reġa qal li dan is-sotto kumitat mexa hekk biss għax kien entużjast u kompla jgħid li dan mhux ser jerġa jirrepeti ruħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif ifforma dan is-sotto kumitat kien tajjeb pero` ma jistgħux jieħdu deċiżjoniiet f'isem il-Kunsill għaliex inkella dan is-sotto kumitat jiġi xolt.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa ma għandux fiduċja fil-membri ta' dan il-kumitat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hija ma tridx tkun parti minn dan is-sotto kumitat.

Is-Sindku qal li huwa xtaq li kemm il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u kemm il-Viċi Sindku Janice Falzon jixtieqhom li jkunu parti minn dan is-sotto kumitat.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Porteli qal hu tal-opinjoni illi l-aġenda ta' dan is-sotto kumitat tiġi preżentata lil Kunsill qabel ma jgħamlu l-laqgħa sabiex ikunu jafu fuq xiex ser jiddiskutu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk dan is-sotto kumitat huwa b'saħħtu u jaf il-kuntatti allura ma għandux għalfejn jkunu taħt il-kappa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li jaqbel illi dan is-sotto kumitat ma jibqax taħt il-Kunsill u jekk irid jkun awtonimu.

19.3.2.7 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li tħossa urtata kif mill-minuti ta' dan il-kumitat diġa qed jiddiskutu anke fuq il-fondi tal-proġetti meta lil Kunsill għadhom ma tresqux il-proposti tagħhom. Hija qalet li sotto kumitat jiddiskuti u jressaq il-proposti lill-Kunsill u mhux jmur jitkellem mal-entitajiet huwa.

Is-Sindku qal li għalhekk għandna noħorġu *expression of interest*.

19.3.2.8 Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li l-ewwel irridu niddeċiedu jekk dan il-kumitat hux ser jitkompla jew jinħatar wieħed ġdid u niddeċiedu b'kemm ha jkun kompost bħala membri. Huwa qal li nteressat illi jkunu parti minn dan is-sotto kumitat imma ma jaqbielx illi jkun kompost b'daqshekk membri tal-Kunsill. Huwa qal illi bħala Kunsill jridu joqgħodu attenti lil minn jaħtru sabiex dan il-kumitat jkun pari u ekwilibrat. Huwa qal li l-*expression on interest* għandha toħroġ għal minn għandu interess veru ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-sur Ryan Portelli qal li jaqbel perfettament mal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri għaliex hemm ħafna kwistjonijiet kbar u kontravesjarji. Huwa kompla jispjega illi oriġinarjament l-ideja ta' dan il-kumitat kienet tiegħu flimkien ma membru ta' dan il-kumitat pero` dan il-kumitat qatt ma ifforma. Huwa kompla jgħid illi ħafna mill-proġetti fil-verita li ssemmew f'dan il-kumitat huma proġetti li joħroġ il-Gvern Ċentrali.

19.3.2.9 Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal illi t-*terms of reference* għandu jitfasssal mill-Kunsill għaliex ir-riġenerazzjoniu infrastruttra b'mod ġenerali huma xi ħaġa wiesgħa u ħa tolqot ħafna setturi. Huwa qal li dan il-kumitat jrid jerġa jiġi maħtur għax qishu hemm ħafna kwistjonijiet personali biex jibqa jopera bħala sotto kumitat fi ħdan il-Kunsill.

Il-Viċi Sindku qalet li hija taqbel li dan il-kumitat jiġi xolt u l-Kunsill jiddeċiedi minn ser jkunu l-membri.

Is-Sindku qal li huwa ma kienx skorret kif ħatar il-Kumitat u kien sar kollox regolari. Huwa qal li forsi kien hemm minn għaġġel iżda dan dejjem b'intenzjoni tajba u biex jgħinu l-Kunsill allura huwa tal-opinjoni li dan il-kumitat ma jiġiex xolt u għandna nistennew sa Marzu pero` u ser jgħamilha ċara lil membri ta' dan il-kumitat li ma jistgħux jiltaqa ma xi dipartiment u jaqbżu lil Kunsill.

Il-Viċi Sindku qalet li hija ma taqbilex li nistennew sa Marzu u li din hija il-pożizzjoni tagħha.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li l-maġġoranza tal-Kunsill tidher li jrid li dan il-kumitat jiġi xolt u li bħala kunsill għandhom id-dmir li jaraw li l-affarijiet qed jsiru kif support.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li waqt laqgħa jekk jkun hemm xi membru li jkollu interess prekunjarju għandu jiddikjara interess u joħroġ mill-laqgħa.

Is-Sindku qal li jekk ser jerġu jinħatru l-istess nies inutli li dan is-sotto kumitat jiġi xolt.

Il-Viċi Sindku qalet illi għandhom jieħdu vot fuq il-membri ta' dan il-kumitat fil-laqgħa li jmiss, pero dan il-kumitat jrid jieqaf jopera.

Il-Kunsill qabel illi din tiġi diskussa fis-seduta li jmiss u għandhom jitresqu il-*terms of reference* mingħand il-Kunsilliera u filwaqt il-kumitat għandu jieqaf jopera.

19.4 **<u>Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

19.5 ***<u>Rapporti:</u>***

19.5.1 ***<u>Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2021:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-budget ġie preżentat fil-laqgħa pubblika u reġa spjega il-budget.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sena d-dieħla irridu nillimitaw il-proġetti peress li hemm minħabba li hemm il-bini tal-Kunsill għaddej.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-budget 2021 u s-Sindku is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

19.6.1 ***<u>Itens oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm.

19.7 ***<u>Korrispondenza:</u>***

19.7.1 ***<u>Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill (35/4142/20/I, 35/4106/20/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill kien ħatar lis-Sinjura Lucille Bonnici u hemm bżonn li terġa tiġġedded din il-ħatra, peress li suppost tiġġedded kull tlett xhur.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

19.7.2 ***<u>Żieda fil-points tal-Iskrivani Sharon Schembri(Scale 11 point 7) u tas-Sinujura Claire Attard (Scale 11 point 6):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-iskrivana Sharon Schembri waslet sabiex titla għal scale 11 point 7 f'Diċembru 2020 u s-Sinjura Claire Attard titla fi scale 11 point 6 f'Jannar 2021.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

19.7.3 ***<u>Performance Bonus għall-ħaddiema tal-Community Workers Scheme u tal-RSS Ltd:</u>***

Is-Sindku qal li għamel l-analiżi tiegħu u ta' ftit inqas mil-massimmu tal-persentaġġi. Huwa kompla jgħid li għadna ħaddiema li ser jieqaf minn mal-RSS u ħaddiem ieħor tal-RSS diġa laħaq il-penzjoni u probabilemnt sena oħra ma nafux jekk iġġedilux.

Il-Kunsill qabel unanimament li jigħata l-performance bonus lil ħaddiema tal-community workers scheme u l-RSS Ltd.

19.7.4 ***<u>Rimbors ta' danni fin-nuċċali minħabba tabella fi Triq il-Qaliet mingħand is-Sinjura Maria Falzon (35/4036/20I, 35/3989/20/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm klejm mingħand residenta li kissret in-nuċċali ma tabella li ma kienx għamilha il-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi din irrispondija l-Avukat tal-Kunsill peress li konna irċevejna ittra mill-Qorti

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal illi l-Avukat ta' din ir-residenza inċitat artikolu 166A u spejga li dan l-artikolu ma jistagħx jintuża għal rikjesta tad-danni. Huwa kompla jispjega illi l-Avukat tal-Kunsill jrid jdaħħal nota fejn jiddikjara illi artikolu 166A ma tistax tintuza għal danni, illi t-tabella mhux propjeta` tal-Kunsill u li l-Kunsill ma għandux jirromborsa lil din ir-residenza.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar għandu jikkuntatja lil Avukat tal-Kunsill Dr. Andrew Saliba.

19.7.5 ***<u>Klejm ta' danni fit-tyre u rim minħabba ħofra fi Triq l-Għassies 12 t'Ottubru 2020 (35/3886/20/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta klem fuq ħsara fit-tyre minħabba ħofra fi Triq l-Għassies fuq vettura FCG 105 tas-Sur Salamone. Huwa qal illi s-somma tal-ħsara hija ta' €218.

Il-Kunsill qabel unanimamnet li jingħata 70% tal-ispiża mitluba li tammonta għal €152.60.

19.7.6 ***<u>Tindif ta' plots privati (35/3913/20/I):</u>***

Din ġiet diskussa iktar kieni f'din is-seduta 19.2.5.

19.7.7 ***<u>Klejm għal ħsara fl-isterio tal-vettura minħabba ħofra fi Triq id-Daħla ta' San Tumas 28/10/2020 (35/3997/20/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ir-residenta qed tiklejma li ġarbet ħsara fl-istereo tal-vettura minħabba ħofra u li dan l-istereo ma jissewwiex.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ma jaħsibx illi inkiser minħabba li daħlet ġo ħofra imma għax kien wasal biex jitlaq. Huwa qal li biex dan l-istereo ġie written off jfisser li ma kiex imwaħħal sew u li kieku minħabba il-ħofra tkisser l-istereo, allura kienet tispiċċa tgħamel ħsara jew fit-tyre u fir-rim.

Il-Kunsill ma qabiliex li jingħata rimbors.

19.7.8 ***<u>Log Book CBX 302 min 14/7/20 sa 13/10/20:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-log tal-van tal-Kunsill CBX302.

19.8 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:***

19.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' Ottubru u November 2020

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

19.9 ***Mozzjonijiet:***

19.9.1 **Mozzjoni mressqamill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (#056 – 9/12/20) :**

*"Jipproponi li l-Kunsill jitlob talba formali lill-Infrastructure Malta peress li issa l-bini kollhu huwa lest, tiġi mibnija Triq Frans Grech. Din titkompla sa Triq La Sengle. Din il-parti qatt ma saret għalhekk trid issir ġdida"*

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Infrastructre Malta

19.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 11 ta' Jananr 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 9 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| SegretarjuEzekuttiv | Sindku |